**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju 2020

Rikors Numru: 85/18 AL

**A B C**

**Vs**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ippremetta:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimata iżżewġu fit-18 t'April 2015 kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok. PJL1;*

2. *Illi frott ta' dan iż-żwieġ ma twieldux ulied;*

3. *Illi r-rikorrent huwa anzjan ta' 71 sena filwaqt li l-intimata hi madwar għoxrin sena iżgħar minnu;*

[1] Fol. 1-28.

4. *Illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet ġiet reża impossibbli minħabba raġunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimata, fosthom minħabba vjolenza fiżika u psikoloġika u aġir abbużiv. Tant hu hekk li l-istess intimata, wara rikors intavolat b'urġenza nhar is-16 ta' Novembru 2017 (ara Dok. A hawn anness) diġa' ġiet żgumbrata mid-dar matrimonjali u ċioe' l-fond 157, Flat 2, Birkirkara Road San Ġiljan (liema proprjeta' hija proprjeta' parafernali tar-rikorrent kif jirriżulta mill-kopja tal-kuntratti relattivi annessi u mmarkati bħala Dok. PJL2 sa' Dok. PJL4) permezz ta' digriet datat is-7 ta' Marzu 2018 (ara Dok. B) minħabba vjolenza tant estrema li r-rikorrent kellu jiġi operat fil-parti private tiegħu (kif jirriżulta mill-kopja tar-rapport tal-Pulizija (anness bħala Dok. PJL5) u mill-Case Summary Report (anness bħala Dok. PJL6) u dan kif ser jiġi pruvat f'aktar dettal ukoll fil-mori tal-kawża;*

5. *Illi l-intimata baqgħet tirriżisti l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar l-iżgumbrament b'dan li l-istess rikorrent irnexxilu jidħol lura fil-proprjeta' tiegħu biss bl-intervenzjoni tal-Pulizija li żgumbrawha mill-istess dar. Mill-informazzjoni li r-rikorrent ingħata mill-Pulizija, l-intimata marret tirrisjedi f'xi waħda mid-djar li taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Aġenzija Appoġġ u huwa għal dan il-għan li n-notifika tal-kawża odjerna qiegħda ssir fl-edifizzju tal-istess Aġenzija Appoġġ;*

6. *Illi l-intimata għaddejja wkoll proċeduri Kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minħabba l-inċident u l-vjolenza msemmija aktar 'il fuq b'dan li minkejja li l-proċeduri Kriminali għadhom pendenti, l-istess Onorabbli Qorti Kriminali ħarġet Protection Order favur ir-rikorrent (ara Dok. PJL7 anness);*

7. *Illi hu ekwu u ġust li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' Marzu 2018 jiġi konfermat minn din l-Onorabbli Qorti b'mod definittiv b'dan li jiġi dikjarat li l-intimata m'għandha ebda jedd u/jew dritt fuq il-fond 157, Flat 2, Triq Birkirkara, San Ġiljan u b'dan ukoll li l-istess rikorrent jiġi konfermat li għandu d-dritt li jirrisjedi fl-istess fond ad esklużjoni tal-intimata;*

8. *Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma seħħitx stante li l-intimata qatt ma dehret għal tali seduti u għaldaqstant ir-rikorrent ġie awtorizzat*

*jipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet datat il-15 ta' Marzu 2018 (ara Dok. Ċ hawn anness);*

9. *Illi stante li l-intimata hija ta' nazzjonalita' barranija, dan ir-rikors ġuramentat qiegħed jiġi notifikat lilha wkoll bil-lingwa Ingliża (ara Dok. D hawn anness);*

*Talab lil-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-intimata;*

2. *Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'żewġ porzonijiet li jiġu assenjati waħda lir-rikorrent u l-oħra lill-intimata, mhux neċessarjament ugwali;*

3. *Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrent u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti bin-nomina ta' periti nominandi jekk ikun il-każ;*

4. *Tikkonferma d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat is-7 ta' Marzu 2018 b'mod definittiv b'dan li tiddikjara wkoll li l-fond 157, Flat 2, Triq Birkirkara, San Ġiljan m'għadux jitqies bħala d-dar matrimonjali u li l-istess intimata m'għandha ebda dritt/jedd fuq il- proprjeta' 157, Flat 2, Triq Birkirkara, San Ġiljan;*

5. *Tikkonferma u tiddikjara li l-fond 157, Flat 2, Triq Birkirkara, San Ġiljan huwa proprjeta' parafernali tar-rikorrent u li l-istess rikorrent għandu jibqa' jirrisjedi fl-istess fond b'mod indefinittiv ad esklużjoni tal-intimata;*

6. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimata ddekadiet mid-dritt tagħha tal-manteniment;*

7. *Tapplika kontra l-intimata s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et se qtal-KodiċiĊivili;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat ainġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-riferta tal-Uffiċċjal Ezekuttiv tal-Qorti Christine Cassar ta' nhar it-3 ta' Lulju 2018, fejn ippruvat tinnotifika lil konvenuta dakinhar stess quddiem il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech fil-Bini tal-Qorti, Valletta u liema riferta taqra *"refused fl-ewwel sular quddiem Awla 14 10.30AM"*;[2]

Rat ir-rikors tal-attur, ipprezentat nhar it-23 ta' Awwissu 2018, fejn talab lil Qorti sabiex: (i) tisma' lil Uffiċċjal Ezekuttiv li ppruvat tezegwixxi n-notifika, (ii) tiddikjara li n-notifika tar-rikors ġuramentat saret lill-intimata nhar it-3 ta' Lulju 2018, (iii) tiddikjara ukoll li saret prova tan-notifika għall-finijiet kollha tal-liġi u (iv) konsegwentament tordna lill-attur jipproċedi bil-kawza;[3]

Rat ix-xiehda tal-Uffiċċjal Ezekuttiv tal-Qorti Christine Caruana;[4]

Rat id-digriet kamerali tal-Qorti ta' nhar il-5 ta' Diċembru 2018 fejn laqgħat it-talbiet kollha tal-attur kif dedotti fir-rikors tat-23 ta' Awwissu 2018;[5]

Rat illi minkejja li l-konvenuta rrifjutat in-notifika tar-rikors ġuramentat, liema rifjut ġie deċiz li jammonta għal notifika pozittiva u dan a tenur tal-Artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess konvenuta naqset milli tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha entro t-terminu stabbilit ai termini tal-Artikolu 158(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew li *se mai* tittenta tiġġustifika tali nuqqas da parti tagħha;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar it-28 ta' Frar 2019, fejn il-konvenuta ġiet iddikjarata li tinsab fi stat ta' kontumaċja;[6]

Rat l-affidavit tal-attur;[7]

Rat l-affidavits rimanenti kollha ppreżentati u d-dokumenti magħhom annessi;

Rat il-verbali, ix-xiehda li giet prodotta u d-dokumenti esebiti fis-seduti miżmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

---

[2] Fol. 38.
[3] Fol. 2-4 tal-proċess bin-numru 85/18/3AL.
[4] *Ibid.* a fol. 45-49.
[5] *Ibid.* a fol. 44.
[6] Fol. 42.
[7] Fol. 43-53.

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar il-5 ta' Marzu 2020, fejn il-Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet, liema fakolta' ingħatat ukoll lil konvenuta kontumaċi u dan abbazi tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet tal-Malta;[8]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' A B C;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li D E hi ħatja għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenuta ħatja għat-tifrik taz-zwieġ;
2. Tapplika kontra l-konvenuta d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, inkluz li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tagħha għall-manteniment minngħand l-attur;
3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;
4. Tillikwida u tassenja l-assi parafernali tal-attur, filwaqt li tikkonferma u tiddikjara li l-fond *'157, Flat 2, Triq Birkirkara, San Ġiljan'* huwa

[8] Fol. 202.
[9] Fol. 203-211.

proprjeta' parafernali tal-attur stessu li għandu d-dritt esklussiv li jirrisjedi fl-istess fond ad eskluzjoni tal-konvenuta;

5. Tiddikjara li l-fond *'157, Flat 2, Triq Birkirkara, San Ġiljan'* m'għadux jitqies bħala d-dar matrimonjali.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

### *2.1. <u>Il-Verzjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenuta</u>*

Fl-affidavit tiegħu, l-attur jispjega li ltaqa' mal-konvenuta fis-sajf tas-sena 2011 waqt li l-istess konvenuta kienet tinsab Malta waqt btala. Tul il-perjodu ta' erba' (4) snin minn meta iltaqa' mal-konvenut, l-attur jispjega li kien ta' sikwit jmur jzurha ġewwa pajjiza u ċjoe' l-iSlovakkja. Dak iz-zmien meta ltaqa' mal-konvenut, l-attur kellu kwazi sebgħin (70) sena filwaqt li l-konvenuta kienet madwar għoxrin (20) sena izgħar minnu. Jispjega li bejnu u l-konvenuta kien hemm relazzjoni, izda jikkontendi li dejjem kien ċar fi kliemu mal-konvenuta fis-sens li ma kellux intenzjoni li jizzewweġ.

Minkejja l-intenzjoni ċara tal-attur, dan tal-aħħar jispjega kif il-konvenuta bdiet tinsisti li jizzewġu u tgħidlu li kien ser ikisrilha ħajjitha jekk ma jizzewġux. Jispjega li *"it was a constant pressure since she became more frustrated as time went by and increased pressure hoping that I would give in"* tant li beda jħossu mhedded. L-attur jispjega ukoll li ma setgħax itemm ir-relazzjoni tiegħu minn mal-konvenuta għaliex kien konsapevoli li xorta waħda ma kienx ser jirnexxielu jeħles minnha, tant li kien iħossu mbezza' minnha. Il-konvenuta ġiet deskritta bħala *"she's got an evil streak (...) D is a very strong willed person apart from the fact that she's also physically stronger than me as well as she's twenty years younger than me. (...) she had an evil look in her eyes, which I found threatening and dangerous. (...) greedy, irrational, demanding and dangerous"*.

In vista ta' din il-pressjoni da parti l-konvenuta fuq l-attur, dan tal-aħħar iddeċieda li jizzewwġiha bit-tama li l-konvenuta twaqqaf dan l-abbuz u li jkollhom ħajja feliċi flimkien. Madanakollu jidher li l-attur kien konsapevoli illi dan kien ser ikun wieħed mill-ikbar zbalji ta' ħajtu. Il-partijiet izzewġu fit-18 ta' April tas-sena 2015. Madanakollu z-zwieġ ta' bejn il-partijiet mal-

ewwel beda fuq nota ħazina hekk kif ġimgħa wara miċ-ċelebrazzjoni taz-zwieġ tal-partijiet, il-konvenuta qalet lil attur li sejra tiltaqa' ma' ħabiba tagħha. Meta l-attur ra li l-konvenuta ma rritornatx lura huwa dlonk mar ifittixha u sabha titkellem ma' rġiel oħra ġewwa *pub*. Minkejja li l-attur talab lil konvenuta sabiex tirritorna lura d-dar, din irrifjutat. Mal-mument li l-konventa marret lura d-dar, l-attur jispjega li l-konvenuta bdiet takkuzah li bl-aġir tiegħu, huwa kien qiegħed jintervjenilha f'ħajjitha. Barra minn hekk, il-konvenuta bdiet takkuzah ukoll li huwa drogat, pedofelu u li qiegħed jagħmilha l-għassa. Skont l-attur dan l-episodju kien *"the first alarm bell during our marriage"*. Magħdud mal-premess, l-attur jispjega ukoll li martu kienet finanzjarjament stabbli u indipendenti, izda ma kienx jaf id-dettalji kollha rigward il-finanzi tagħha u dan għaliex il-konvenuta kienet izzomm ħafna sigrieti minnu. Minkejja tali indipendenza finanzjarja, il-konvenuta kienet ta' sikwit titfa' kummenti dwar il-fatt li huwa għandu iktar flus minnha u tieħu vantaġġi finanzjarji.

Fil-fehma tal-attur, dan l-aġir tal-konvenuta u l-akkuzi infondati kontinwi fil-konfront tiegħu, bdew bil-mod il-mod jkissru z-zwieġ. Minkejja li l-attur pprova jagħmel appuntament ma' *marriage counsellor* Ms Caroline Mallia, il-konvenuta rrifjutat. Konsegwentament, l-attur jgħid li għal nhar il-5 ta' Settembru 2015, il-konvenuta telqet minn Malta u marret l-iSkolvakkja u dan mingħajr ebda spjegazzjoni lil attur. Skont l-attur, il-konvenuta rritornat lura Malta għall-aħħar ġimgħa ta' Novembru 2015 u spjegatlu li matul dan iz-zmien li kienet nieqsa minn Malta, hi kienet rikoverata bħala *in-patient* għal ħamsa u għoxrin (25) ġurnata ġewwa l-*Psychiatric Clinic* fil-*University Hospital* f'Bratislava, Slovakkja, fejn kienet ġiet trattata u mgħotija medikazzjoni neċessarja stante li l-kaz tagħha huwa wieħed serju. Madanakollu, l-attur jgħid li t-trattament mogħti lil konvenuta ġie injorat mill-konvenuta stess. Barra minn hekk, il-konvenuta kienet ukoll tilfet il-kura u kustodja fuq binha mwieled minn relazzjoni passata. L-attur jgħid li l-konvenuta kienet tal-fehma li dawn il-problemi kollha kienu kollha tort tal-attur innifsu.

Fl-affidavit tiegħu, l-attur jkompli jgħid illi l-konvenuta kienet qaltu li jekk jgħaddilha flusu kollha filwaqt li l-fond parafernali tal-attur jgħaddih lil binha, hi kienet lesta li tobdi u taġixxi bħala mara mizzewġa. Fil-fehma tal-attur dan jekk xejn, kien jikkostitwixxi *"emotional blackmail"*. Fil-fatt l-attur jgħid li dak kollu li għandu bħala assi huma kollha parafernali għaliex fid-

dawl tal-aġir ta' martu, ma ried jixtri xejn fiz-zwieġ li jkun konsegwentament jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Wara dan il-episodju, l-attur jispjega li fil-perjodu bejn Diċembru 2015 sa Settembru 2017, il-konvenuta bdiet strateġija ta' aggressjoni u provokazzjoni fil-konfront tal-attur, bit-tama li dan jirritalja lura. L-attur jagħti rendikont tal-provokazzjoni kontinwa da parti l-konvenuta matul dan il-perjodu, *inter alia*, li: (i) kull darba li l-attur jagħlaq xi bieb, tieqa jew purtieri, l-konvenuta kienet terġa' tiftahom, u jekk l-attur kien jiftaħħom, il-konvenuta kienet tagħlaqhom, (ii) waqt li jkun qiegħed jirrilassa fuq is-sufan, kienet taqbad miegħu takkuzah fuq affarijiet invertieri, (iii) kienet tneħħi kull pittura minn mal-ħajt u taħbihom, (iv) tkisser xi vazuni, (v) tħabbat fuq il-bieb tal-kamra tas-sodda tal-attur waqt li jkun ħa jorqod tard bil-lejl jew kmieni filgħodu sabiex tqajmu, u (vi) tibbloka kull passaġġ għal xi kamra jew it-televizjoni bil-prezenza tagħha.

Kull ma jmur, dan l-abbuz baqa' dejjem jippersisti, tant li matul is-sena 2016 iddistakkat ruħha minn ma' zewġha, fejn kienet qiegħda torqod u toħroġ waħeda. Kull darba li l-attur kien jittenta jsaqsiha sabiex joħroġ magħha bħala koppja normali jew li jkollhom rapport intimu, din kienet tirrifjuta u ġġib l-iskuza li dan ma jistgħax isir ġialadarba huwa ma qabilx mal-ordinijiet tagħha dwar it-trasferiment tal-flus u l-proprjeta'. Is-sitwazzjoni bejn il-partijiet kienet tant iddeterjorat illi f'Diċembru tal-2016, l-attriċi telqet minn Malta għall-iSlovakkja mingħajr preavviz, izda kienet infrumat biss lill-attur li kien beħsiebha tirritorna lura Malta għal ħabta ta' April tas-sena 2017. Matul dan il-perjodu, l-attur jikkontendi li ma kien hemm l-ebda kuntatt bejniethom. Dan ikompli jikkonferma kemm il-konvenuta kienet izzomm affarijiet mistura minn zewġha.

L-attur jagħti rendikont tal-inċident li seħħ bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2017. Fil-lejl tal-25 ta' Settembru 2017, il-konvenuta marret ħdejn l-attur fil-gallarija u bdiet argument rigward it-trasferiment tal-flus u l-proprjeta tiegħu. Meta l-attur ma rribattiex lura u mar jieħu tazza ilma mill-kċina, il-konvenuta bdiet timbuttah, tgħolli idejha fuqu u tigirfu. L-attur pprova jwaqqafha izda ma rnexxilux, tant li kompliet tħebb għalih u kompliet billi gidmitlu idejh. Wara li gidmitu, l-attur jispjega li l-konvenuta irnexxielha ddaħħal idejha fil-qalziet tiegħu fejn qabdet il-parti ġenitali tiegħu u bdiet tiġbed b'mod aggressiv u forzuz tant li kkawzatlu dannu fiziku u ugigħ tremend. Wara li waqfet u telqet lejn il-kamra tas-sodda, ħalliet lil attur

jokrob bl-uġigħ mal-art. Minkejja dan l-uġigħ, l-attur irnexxielu jattendi waħdu sad-Dipartiment tal-Kura Primarja tal-Gzira għall-ewwel għajnuna izda dan ġie riferut lejn l-Isptar. Mal-wasla tal-attur l-Isptar, huwa tkellem ukoll mal-Pulizija u wara ġie operat.

Wara l-imsemmi intervent, l-attur mar jirrisjedi ma' oħtu ġewwa l-Mosta għaliex ma setgħax imur lura f'daru u jpoġġi lilu nnifsu fil-periklu. Jidher li l-konvenuta qatt ma ppruvat tagħmel kuntatt mal-attur, fejn turih li ddispjaċiha għal dak li għamlet jew *se mai* titlob skuza għall-aġir tagħha. Dan in-nuqqas ta' kompassjoni lejn l-attur kien ukoll evidenti matul il-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, liema Qorti sabet lil konvenuta ħatja izda li s-sentenza ġiet appellata. Wara digriet ta' din il-Qorti dwar l-izgumbrament *pendente lite* tal-konvenuta, l-attur irritorna lura f'daru.

L-attur jikkontendi li z-zwieġ tiegħu mal-konvenuta tfarrak stante l-karattru vjolenti tagħha u l-modi malizzjuzi u manipulattivi tagħha sabiex takkwista dak li trid, tant li fil-prezent huwa konxju li l-konvenuta riedet tizzewġu mhux għax kienet verament tħobbu izda sabiex tieħu taħt idejha l-proprjeta' tal-attur.

## *2.2 <u>Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relDnti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

### *2.2.1. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid u Offizi Gravi</u>*

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew***

***minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[10] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[11] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[12] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li*"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[13] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs.**

---

[10]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[11]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[12]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[13]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

**JesmondTabone**,[14] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[15]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[16]

*2.2.2. <u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti da parti l-attur, tinsab konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet fil-prezent ma jgħixux taħt l-istess saqaf u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Illi l-provi prodotti mill-attur huma suffiċjenti sal-grad rikjest mil-liġi sabiex jipprova illi z-zwieġ tiegħu mal-konvenuta kien mgħoni b'elementi ta' theddid, moħqrija, periklu u offizi gravi. Il-verzjoni tal-attur, għalkemm mhux kontradetta mill-konvenuta u dan ġialadarba tinsab fi stat ta' kontumaċja, tinsab ikkorrabborata bi provi oġġettivi u imparzjali, li jekk xejn jkomplu jassistu lil Qorti sabiex tasal għall-konvinċiment morali illi t-tifrik taz-zwieġ bejn il-partijiet huwa unikament tort tal-konvenuta.

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għax-xiehda ta' F G H[17] fejn jagħti rendikont tal-bidla fl-aġir tal-attur minħabba l-pressjoni, aggresjoni, vjolenza, manipulazzjoni u l-intimidazzjoni tal-konvenuta. Ix-xhud G H jispjega li ilu jaf lil attur għal madwar ħamsa u erbgħin (45) sena, fejn kien jafu bħala *"kind and calm person"*, izda jkompli billi jispjega li sa ftit qabel ma zzewweġ lil konvenuta, l-attur kien jinsab *"confused and tense and nervous"*. Fil-fatt ix-xhud stess bħala wiehed mill-ħbieb tal-qalb tal-attur ikkumenta li *"I wasn't convinced that D's intentions were genuine"*. Konsegwentament għaz-zwieg, ix-xhud jghid li l-attur kien inbidel ħafna, u

[14]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[15]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[16]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[17] Fol. 183-184.

jagħti rendikont li kien jipprova jċempillu ta' spiss izda *"the phone was snatched from his hand and thrown in anger by his wife. I heard it clearly. I also heard her ranting and shouting angrily at him. He was telling her to calm down but to no avail"*. Skont ix-xhud, tali aġir juri biċ-ċar li *"she disliked his having any contact at all with anyone who could maybe influence him not to agree and go ahead with her plan of marriage"*.

Min-naħa l-oħra, in-Nutar Dr Patrick Critien[18] jikkonferma dak allegat mill-attur u ċjoe' li l-konvenuta kienet tinsisti mal-attur sabiex jittrasferixxi flusu u l-proprjeta' parafernali tiegħu lilha u lil binha. Fil-fatt jikkonferma li l-partijiet kienu marru għandu għal ħabta ta' Jannar 2016, fejn il-konvenuta kienet talbet lil zewġha quddiem in-Nutar stess sabiex jagħmel it-trasferiment tal-proprjeta' fuq binha, għal liema talba n-Nutar jikkonferma li ma ta l-ebda parir. Madanakollu jgħid li sussegwentament kien kellem lil attur waħdu, fejn tah il-parir li m'għandux jagħmel dak li kienet qiegħda titolbu l-konvenuta.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn iz-zewg xhieda jkomplu jikkonfermaw li l-konvenuta kienet vjolenti kemm fizikament u kif ukoll psikoloġikament mal-attur. Barra minn hekk jikkonfermaw li l-attur kien jgħix fil-biza u t-theddid. Mill-atti proċesswali huwa evidenti li l-konvenuta kienet persistenti ferm mal-attur, u kif sewwa rrilD l-attur fl-affidavit tiegħu, il-Qorti tinsab konvinta li l-għan aħħari tal-konvenuta li tizzewweg lil attur kien minħabba l-assi u beni tiegħu, u mhux għaliex kienet verament tħobbu.

Magħdud mal-premess, il-Qorti ma tistgħax ma tkomplix tirriafferma l-ħsibijiet tagħha permezz tal-provi dokumentarji li pprezenta l-attur u ċjoe': (i) iċ-ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja, datat 7 ta' Settembru 2017 li jikkonferma li l-attur kien ġie aggredit u vjolentat,[19] (ii) il-kopja tal-*Case Summary Report* dwar l-inċident tal-25 u 26 ta' Settembru 2017 maħruġ mill-isptar Mater Dei,[20] (iii) il-kopja tar-rapport mal-Pulizija dwar l-inċident tal-25 u 26 ta' Settembru 2017,[21] (iv) il-kopja tal-*Protection Order* maħruġa favur l-attur,[22] u (v) il-kopja tas-sentenza datata 17 ta Lulju

[18] Fol. 178.
[19] Fol. 59.
[20] Fol. 23-24.
[21] Fol. 21-22.
[22] Fol. 25.

2018 fl-ismijiet **The Police (Inspector Nikolai Sant) vs D C E** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati.[23]

Dawn il-provi dokumentarji jikkonfermaw kemm il-konvenuta hi persuna vjolenti fil-konfront tal-attur u dan b'mod partikolari fid-dawl tal-inċident tal-25 u s-26 ta Settembru 2017, fejn il-konvenuta kkawzat dannu fiziku lill-attur. Dan l-inċident ma kienx l-ewwel wiehed fejn il-konvenuta wriet kemm hi persuna kapaċi tipperpetwa l-vjolenza u dan kif spjegat iktar il fuq, madanakollu dan l-inċident kien wiehed makabru tant li poġġa lill-attur fil-periklu u jibza' għal ħajtu. Għaldaqstant, dan l-inċident ma jistgħax jiġi deskritt bħala att vjolenti singolari u izolat. Barra minn hekk, il-Qorti filwaqt li tissimpattizza mal-attur, tiehu rendikont li l-konvenuta għandha bzonn għajnuna psikoloġika u dan kif jirrizulta mill-atti stess. Dan l-aġir da parti taghha, iffukat fuq l-aggressjoni, vjolenza, manipulazzjoni, theddid u persistenza ma huwiex wieħed li jrendi ħajja matrimonjali feliċi izda jsarfu sabiex ikissru kull rapport ezistenti bejn koppja mizzewġa. Kien proprju hekk li ġara fil-kaz odjern, u abbazi ta' dawn il-karatteristiċi l-ħajja matrimonjali sfat impossibbli.

Għaldaqstant il-Qorti tirrilD li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għandhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dan illi l-ħtija ghat-tifrik taz-zwieħ hija imputabbli unikament lill-konvenuta abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

### 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenuta

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni

[23] Fol. 190-201.

personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

"***(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***[24]

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara datastabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkunkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' danil-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".***

L-Artikolu 51 jistipula:

***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

L-Artikolu 52 jistipula:

***"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda."***

---

[24]L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Fil-każ odjern, il-konvenuta hija ħatja ta' eċċessi, sevizzi, moħqrija u inġurji gravi fil-konfront tal-attur. Fuq talba tal-attur sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* iċċitati, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi u t-tbatija fizika u psikoloġika li għaddha minnha l-attur, ser tgħaddi sabiex tuza d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talba attriċi billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenuta.

## 4. It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrilD illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar it-18 ta' April 2015, hekk kif jixhed l-Att taz-Zwieġ,[25] din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

### *4.1. It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

### *4.2. Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mil-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tinnota li f'dan ir-rigward ma hemmx bosta provi u dan stante li fiz-zwieġ ma jidhirx li saru investimenti jew transazzjonijiet ta' xiri jew bejgħ ta' proprjeta' u/jew vetturi. Fil-fatt l-attur stess jikkonferma li minħabba l-karattru abbuziv u vjolenti tal-konvenuta, fiz-zwieġ qatt ma nxtara xejn.

L-unika prova li ġiet mressqa hi l-kont bankarju f'isem il-konvenuta mal-Bank of Valletta plc, bin-numru 4002402XXXX li ġie miftuħ nhar id-9 ta' Mejju 2016 u ċjoe' wara z-zwieġ. Għaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li fir-rigward ta' dan il-kont bankarju f'isem il-konvenuta u tenut kont li dan il-kont bankarju infetaħ matul iz-zwieġ, nofs l-ammont tal-istess għandu jkun assenjat lil attur.

---

[25] Fol. 11.

## 5. Beni Parafernali:

Il-Qorti tinnota li l-attur ma ddikjarax liema huma dawk il-beni li huma parafernali u li qiegħed jistenna li jiġu llikwidati u riturnati lura fil-pussess tiegħu.

Madanakollu, l-Qorti tosserva mill-atti proċesswali illi l-attur kien akkwista fond u ċjoe' *XX, Flat X, X Road, San Ġiljan*, fejn nofs indiviz ta' dan il-fond ġie akkwistat mill-attur permezz ta wirt minn għand il-ġenituri tiegħu,[26] filwaqt li nofs indiviz l-ieħor ġie akkwistat permezz ta' kuntratt ta' xiri minn għand oħtu nhar id-29 ta' Jannar 2013.[27] Dan il-fond serva bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet sa mid-data taz-zwieġ sal-jum li fih din il-Qorti ppronunzjat ruħha permezz ta' digriet nhar is-7 ta Marzu 2018 rigward l-izgumbrament *pendente lite* tal-konvenuta.[28]

Għaldaqstant fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiddikjara illi fir-rigward ta' proprjeta' parafernali, l-attur huwa l-uniku s-sid tal-fond *XX, Flat X, X Road, San Ġiljan* u b'hekk din għandha tibqa' fil-pussess assoluta tiegħu.

## 6. Dar Matrimonjali:

Hekk kif diġa stabbilit, id-dar matrimonjali u ċjoe' l-fond *XX, Flat X, X Road, San Ġiljan*, hi proprjeta' parafernali ta' A B C. In vista ta' dan, il-Qorti tikkonferma l-kontenut tad-digriet tagħha ta' nhar is-7 ta' Marzu 2018 fl-intier tiegħu u ċjoe' li l-fond in kwistjoni ma għandux jitqies iktar bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

Għaldaqstant, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara li l-imsemmi fond m'għandux iktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet u li l-konvenuta m'għadx għandha dritt jew jedd fuq l-proprjeta' imsemmija, tagħti d-dritt esklussiv u tawtorizza lill-attur sabiex jibqa' jgħix fil-fond parafernali tiegħu hawn fuq imsemmi, ad eskluzjoni tal-konvenuta.

---

[26] Fol. 14-17.
[27] Fol. 18-20.
[28] Fol. 26-27.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet u dan bi ħtija imputabbli unikament lil konvenuta;

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, b'dana illi d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tar-raba' (4) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*;

3. Tilqa' it-tielet talba attriċi billi tillikwida u tassenja l-assi parafernali lill-attur;

4. Tilqa' ir-raba' talba attriċi u tikkonferma d-digriet ta' din il-Qorti datat 7 ta' Marzu 2018 billi tikkonferma u tiddikjara li l-fond *XX, Flat X, X Road, San Ġiljan* m'għandux jitqies iktar bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet u li l-konvenuta m'għadx għandha dritt u/jew jedd fuq l-imsemmija proprjeta';

5. Tilqa' il-ħames talba attriċi u tikkonferma li l-fond *XX, Flat X, X Road, San Ġiljan* huwa proprjeta' parafernali tal-attur u għaldaqstant l-attur biss ghandu d-dritt li jirrisjedi fl-imsemmi proprjeta' ad eskluzjoni tal-konvenuta;

6. Tilqa' is-sitt talba attriċi u tiddikjara li l-konvenuta iddekkadiet mid-dritt tagħha ghall-manteniment minn għand l-attur;

7. Tilqa' is-seba' talba attriċi u tapplika fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet kollha ikkontemplati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjez kollha għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta.